

# Impressjonijiet Mużikali

**Kan. Emmanuel Schembri**
*Viċi Arċipriet*



Hemm iżjed fl-eżistenza ta' banda minn li jipprovduna b'xi ftit briju. Żgur li kull banda f'Malta u Għawdex ħa jkollha għażla wiesgħa ta' marċi festivi u brijużi fir-repertorju tagħha (daqskemm ħa jkollha marċi funebri u oħrajn addattati għal kwalunkwe okkażjoni) u lkoll nieħdu gost bid-divertiment u akkumpanjament mużikali li jipprovdulna fil-jiem tal-marċ. Iżda dan huwa biss element wieħed tal-kontribut mużiko-kulturali li jagħmlu l-baned u soċjetajiet filarmoniċi lill-bliet u lill-rħula tagħna. Irridu nieqfu u napprezzaw ix-xorti kbira li għandna fil-gżejjer Maltin li kważi kull belt u raħal huwa mżejjen almenu b'każin wieħed; minkejja l-fatt li hija tant komuni f'pajjizna (u forsi, xi ftit jew wisq, drajnieha), din mhijiex daqshekk regolari madwar id-dinja. Li għad hemm entitajiet li, bil-qalb u b'attenzjoni, għadhom iwasslulna l-*mużika* – fl-iktar sens wiesa' tal-kelma, kif ħa naraw – hija xorti kbira, b'kapaċità li tbiddel il-ħajja. Dan għaliex il-banda lokali, kif inhi dik ta' San Ġorġ f'Bormla, tagħtina ċ-ċans biex nieqfu u veru nisimgħu l-mużika, niltaqgħu magħha u nesperjenżawha tassew: tagħtina, f'kelma waħda, togħma tal-*mużika ta' vera*. Dan mhux argument fejn qegħdin inqabblu stil ta' mużika ma' oħra; meta nsemmu *mużika ta' vera* qegħdin nitkellmu inqas fuq it-tip ta' mużika daqskemm kif qed tiġi ppreżentata lilna u taħt liema kundizzjonijiet nisimgħuha. *Kull* mużika tista tiffjorixxi jew togħtor skont dawn l-istess elementi.

Hija verità – forsi wkoll waħda kiefra – li l-irwol u l-istima lejn il-mużika nbidlu drastikament fis-soċjetà ta' żmienna. L-iżvilupp fit-

teknoloġija pprovdielna metodi ġodda u dejjem iżjed fidili ta' rekordjar. B'riżultat ta' dan, il-mużika nfatmet mis-swali tal-kunċerti, id-djar tal-opri u t-teatri, kif ukoll il-Knisja bħala l-postijiet prinċipali fejn kienet tindaqq u tiġi "ikkonsmata." Permezz tal-ewwel ir-radju, imbagħad *long-play records*, *cassette*, *compact disc* u, dan l-aħħar, formats ġodda diġitali (mp3, flac, eċċ), il-mużika (u, permezz tat-televiżjoni u metodi ta' rekordjar awdjo-viżiv, anki t-teatru) ġiet ittrasportata fid-djar, fil-postijiet tax-xogħol u divertiment ... anki fil-ħwienet u l-uffiċini. Dan il-moviment mhux neċessarjament irridu nqisuh ħażin, daqs kemm ma nqisux li l-opportunità li nixtri l-kotba minflok nissellifhom mil-librerija serviet ta' detriment għall-qari. Għax, min-naħa, l-iżviluppi fit-teknoloġija għamlu l-mużika iktar aċċessibbli minn qatt qabel u għenu biex iżjed u iżjed nies ikunu jistgħu jesperjenzaw b'xi mod l-aqwa mużika u artisti li qatt rat id-dinja. Inżidu ma' dan il-fatt li diversi kienu l-artisti, *recording engineers*, u oħrajn li, b'imħabba kbira lejn il-mużika u t-teatru, ipprovaw li jimbuttaw it-teknoloġija u l-proċeduri tar-rekordjar biex il-prodott finali ikun l-iżjed fidil mhux biss lejn il-ħoss ġenwin tal-vuċijiet u strumenti, imma wkoll li jirrappreżenta, fl-ambjent awdjo-viżiv, tip ta' teatru virtwali fejn il-*performance* sħiħa tista' titgawda daqs li kieku f'teatru ta' veru. Kien dan il-kunċett ta' *teatru virtwali* (tal-moħħ jew l-immaġinazzjoni) li spira lil John Culshaw, *record producer* ma' Decca Records mill-1946 sal-1967, li jagħmel użu innovattiv mit-teknoloġija ġdida ta' *stereo recording* u l-effetti u kapaċitajiet tagħha biex jagħti ħajja lil opri, sinfoniji, u mużika oħra (imma speċjalment dik l-ewwel *recording* fl-istudio tal-erba' opri ta' *Der Ring des Nibelungen* tal-kompożitur Richard Wagner) li kienet tinstema' mid-dar; kif jikteb fil-ktieb tiegħu, *Ring Resounding*, il-*medium* ta' *stereo recording* jista' jintuża tajjeb biex idaħħal is-semmiegħ fl-azzjoni ta' xi opra jew simfonija. Meta l-irrikordjar isir sew, jista' juri l-moviment tal-atturi, jagħti sens ta' spażju u pożizzjoni tant li jpoġġi 'l min jisma' fin-nofs tal-istorja.[1] Din il-filosofija, li mexxiet, nistgħu ngħidu, iż-żmien dehebieni tal-irrikordjar (bejn l-aħħar tal-ħamsinijiet u l-bidu tat-tmeninijiet tal-aħħar seklu) mhux biss ma' Decca imma f'ħafna mill-kumpaniji li kienu attivi f'dak iż-żmien, biddlet l-istorja. Qabel *opera-on-record* jew *music-on-record* kienet intenzjonata bħala *souvenir* – tifkira ta' xi produzzjoni li wieħed kellu ċans jattendi. Issa, ir-*record* iggradwat għal xi ħaġa li tiġi kkunsidrata u evalwata fiha nfisha, skont il-merti tagħha, u bħala rivali għall-produzzjonijiet tat-teatri.[2]

Però, minn banda oħra, dan kollu għamel kontribut biex il-mużika

issir iktar "*portable*" - b'kapaċità li tittieħed u titpoġġa kullimkien: biex tintuża u mhux tinstema', f'ambjenti fejn ma tkunx (bħal fis-swali u t-teatri) iċ-ċentru tal-attenzjoni. Ħafna drabi, illum il-ġurnata, il-mużika nikkonsmawha waqt li nkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa oħra ... saret "*background noise*" jew akkumpanjament li jimla s-silenzju. Diġà, fl-1959 – waqt li l-avvanżi li semmejna kienu għadhom jibdew – is-Sur Deryck Cooke[3] ilmenta, fil-ktieb tiegħu *The Language of Music*, li ħadd, lanqas l-istudent tal-mużika, ma jazzarda jitkellem fuq *it-tifsira* tal-mużika, imma biss jikkummenta fuq il-forma (noti, strumenti, silenzji, eċċ). Iżjed u iżjed, il-mużika qed tiġi kkunsidrata bħala arti dekorattiva – xi ħaġa li timla l-ħin – u mhux espressjoni profonda tal-identità u l-ħajja tal-bniedem. Il-veru natura, skop, u valur tal-opri kbar tal-mużiċisti passati u preżenti tintilef jew tindifen, u element importanti tal-kultura jiddgħajjef: il-mużika hija l-iktar lingwa potenti tal-emozzjonijiet – dak li ma nistgħux "inpoġġu fil-kliem" – imma, għax m'għadniex nisimgħuha tassew, sraqna l-opportunità tagħna stess li nikbru, nimmaturaw, insiru aħjar bħala bnedmin, familji, u soċjetà bl-impressjonijiet qawwija (għalhekk it-titlu ta' dan l-artiklu) li l-mużika tista' tagħtina – jekk nagħtuha ċans u spazju.[4]

Għax hija bl-*impressjonijiet* li l-mużika kapaċi tmissilna ħajjitna – dik hi l-kurrenzija potenti li toffrilna meta nisimgħuha *tassew*. Bħala udjenza, aħna n-nies tal-lum, m'aħniex kompletament ħatja ta' dak li jidher qisu l-inkapaċità li nisimgħu. Il-mużika tqarrqet u ddiġenerat mhux biss minħabba l-ħajja mgħaġġla li ma tagħtiniex ċans nieqfu u nagħtuha ftit spazju biex ingawduha. Flimkien ma' dan, sfortunatament, saret iktar ipproċessata, sintesizzata – f'kelma waħda, mhux reali – minn qatt qabel. Drajna nisimgħu mużika artifiċjali: ritmi, daqqiet, u toni diġitali u sintetiċi. Il-widna tagħna, għalhekk, saret għażżiena, inqas kapaċi li tiddixxerni u tiddistingwi bejn ħoss jew strument u ieħor (hemm ħafna artikli u studji li jikkummentaw fuq dan, imma m'hemmx spazju f'dan l-artiklu biex niżviluppa l-argument iżjed minn hekk). Imma jista' jkun ukoll, mingħajr ma nafu, li bħala poplu u soċjetà sirna *nibżgħu* milli nisimgħu l-mużika tassew; jekk l-esperjenza tal-mużika ħa tikxef xi ħaġa dwar dak li jien fl-iktar identità profonda tiegħi – jekk il-mużika, hija u tkellimni, ħa tbiddilni, ħa ġġegħilni nħoss u nikkonfronta l-emozzjonijiet l-iktar bażiċi tiegħi ... forsi aħjar ma nisma' xejn. Fil-qosor, il-mużika qed issofri l-istess xorti ta' diversi affarijiet fid-dinja tal-lum. Il-bniedem donnu ma jridx ikun jaf min hu tassew, u lest li jagħmel minn kollox biex ma jiġix ikkonfrontat minnu nnifsu u janalizza 'l ħajtu.

Imma l-impressjonijiet mużikali mhumiex perikolużi! Forsi, xi darba fost l-istorbju u l-għaġla tal-ħajja, kellek ċans tħalli l-mużika tidħol f'qalbek u tmissek. F'dan il-każ, inti familjari ma' dak li qed ngħid. Għadni niftakar l-*outings* li kelli ma' tal-iskola ta' tifel żgħir f'Windsor, Ontario, il-Kanada, biex nattendi sinfonija tat-tfal mill-*Windsor Symphony*. F'dak iż-żmien kont għadni miniex konxju ta' kemm kienet grazzja sabiħa li *kien hemm* sinfonija fil-belt fejn kont ngħix, li stajt immur nisma' l-mużika *tassew* – jiġifieri, li nieqaf minn kollox, inpoġġi bilqiegħda, u ma nagħmel xejn ħlief nattendi għall-mużika u ngawdiha – mingħajr ħafna taħbit u flus. F'dak iż-żmien l-impressjonijiet kienu iktar bażiċi: il-moviment mgħaġġel u sfrenat ta' naħla rrappreżentata fin-noti mużikali ta' *Flight of the Bumblebee* ta' Nikolai Rimsky-Korsakov, jew l-eżistenza ta' melodija anki fost il-monotonija tal-ħajja u x-xogħol kif jesprimi Leroy Anderson fil-kompożizzjoni għall-orkestra, *The Typewriter*, fejn *typewriter* ta' veru tintuża bħala strument. L-impressjoniiet qawwijin tal-mużika jistgħu jkunu bażiċi u "ordinarji" bħal dawn, il-kompożitur jista' juża l-melodija u l-istrumenti biex iġegħilna nħossu jew nimmaġinaw xi ħaġa mill-ħajja u n-natura. Insemmu f'dan ir-rigward l-overture *Hebrides (Fingal's Cave)* ta' Felix Mendelssohn, fejn nistgħu nimmaġinaw il-baħar imqalleb u turbulenti permezz tal-moviment u t-tidwir tan-noti; Mozart iqanqal fina sens ta' maltempata fil-bidu tal-opra *Die Zauberflöte (Magic Flute)* u Wagner ukoll għandu biċċiet ta' mużika li jpinġu xeni ta' maltemp, kemm fil-baħar fl-overture ta' *Die Fliegende Holländer (The Flying Dutchman)* jew qalb il-foresta fil-preludju ta' Die Walküre. Però, hemm espressjonijiet iktar astratti, fejn il-mużika tqanqal jew tfakkar emozzjonijiet diversi – jekk humiex ferħ, niket, biża', nostalġija, eċċ. Qed niftakar hawn l-ewwel darba li smajt *The Planets* ta' Gustav Holst: il-moviment *Mars: The Bringer of War* qajmet ġewwa fiha urġenza, sens ta' periklu, u biża', filwaqt li *Jupiter: The Bringer of Jollity* (kif l-isem jindika) qanqlet ferħ u kuntentizza, u *Saturn: The Bringer of Old-Age* għadha sal-lum stess iddaħħalni ġewwa qoxorti, naħseb u niftakar, b'sens ta' kontemplazzjoni u forsi xi ftit niket.

Minn dan joħroġ li l-mużika hija lingwa (kif ried jispjegalna Deryck Cooke), imma waħda mill-iżjed speċjalizzati. Il-lingwa mitkellma, kif nafu, għax hija intenzjonata għall-użu ġenerali, hemm mumenti meta "tfalli," ma tkunx eżatta jew mhijiex kapaċi li tesprimi d-dettal ta' dak li nixtieqi nikkomunikaw. Għalhekk jeżistu lingwi iktar addattati, speċjalizzati, u partikolari. Il-mużika hija l-lingwa tal-qalb, tal-emozzjoni, tal-ħajja

interjura tal-bniedem: tikxef il-profonditajiet tal-persuna. Issa, filwaqt li, kif jargumenta Cooke, hemm ċertu vokabularju mużikali li diversi kompożituri jużaw regolarment biex jirrappreżentaw ċertu ħsibijiet, ideat u emozzjonijiet, il-fatt jibqa' li l-mużika hija lingwa mingħajr dizzjunarju.[5] Dan għaliex il-kontenut emozzjonali mhux neċessarjament jolqotna lkoll bl-istess mod. Jista' jkun li ċertu f'ċerti wħud minna jkun hemm biċċa mużika li ma tolqotna xejn; jista' jagħti l-każ ukoll li l-istess biċċa mużika tħalli impressjoni differenti fuqi bejn żmien u ieħor, jew għax għaddej minn perjodu differenti ta' ħajti inkella għax qed nisma' verżjoni differenti li forsi tagħti emfażi differenti, jew għandha strumentazzjoni, ħoss, jew kwalitajiet oħra differenti li jaffettwaw l-apprezzament tiegħi. Għalhekk il-mużika hija esperjenza wkoll personali, li turini lili nnifsi. X'aktarx hemm min qed jaħseb bħalissa li qegħdin noqorbu li ngħidu li l-mużika tagħti esperjenza kważi reliġjuża. Diġà wasalna biex ngħidu li l-mużika tikxef il-qalb tal-persuna, toħroġ għad-dawl dawk l-elementi tal-ħajja li l-kliem ma jistax jesprimi: allura, m'hemmx dubju illi l-mużika tista' wkoll tgħinna biex noqorbu Dak l-Aqwa Misteru, Alla, li l-ebda lsien ta' bniedem m'hu kapaċi jesprimi jew jispjega.

Għandna ħafna evidenza tal-antikità tal-użu tal-mużika fil-qima tal-poplu lil Alla. Il-ktieb tas-Salmi huwa ġabra ta' innijiet, u, għalkemm m'għandniex fih notazzjoni eżatti tal-mużika ta' Iżrael, hemm indikazzjonijiet tat-toni li bihom kienu jitkantaw. Santu Wistin jispjega li innu huwa espressjoni ta' ferħ. Iżjed minn hekk, hija xi ħaġa li tinbet mill-imħabba. Il-bniedem li jwieġeb b'imħabba lejn Alla, isib espressjoni addattata fil-kant u l-mużika.[6] Il-Papa Benedittu XVI jikteb li l-importanza li r-reliġjon taż-żminijiet Bibliċi tat lill-mużika jidher fil-fatt li kliem relatat ma' kant u mużika huma l-iktar frekwenti fil-paġni tal-Iskrittura. "Meta l-bniedem jidħol f'kuntatt ma' Alla, il-kliem biss mhuwiex biżżejjed. Aspetti tal-ħajja tiegħu jqumu li b'mod naturali joħorġu fil-kant u l-mużika. Fil-fatt, l-istess ħajja u eżistenza tal-bniedem huma fqar wisq għal ħdejn il-kobor ta' Dak li jixtiequ jesprimu, u għalhekk jistieden il-ħolqien kollu biex jingħaqad miegħu fil-kant."[7] Għax il-mużika – bħal kull arti – tidħol f'dawk l-aspetti tal-ħajja li kull lingwa oħra hija siekta dwarhom, hija tgħinna biex infittxu 'l Alla. "Huwa l-Ispirtu 's-Santu li jgħallimna nkantaw … Iva, il-kant, li jmur lil hinn minn kliem ordinarju, huwa azzjoni tal-Ispirtu. Il-mużika tal-Knisja titwieled bħala kariżma, don tal-Ispirtu 's-Santu. Il-kant huwa l-veru glossolalia, l-ilsien il-ġdid li jgħallem l-Ispirtu ta' Alla."[8] Dan m'għandux ikun sorpriża għalina. Meta

nħarsu lejn il-gżejjer tagħna, u b'mod partikolari Bormla, nindunaw li ħafna mill-kultura u tradizzjoni mużikali tagħna nibtet b'rabta mal-Knisja u l-fidi. Kienet il-Knisja li stiednet lill-bniedem li jeżamina l-ħajja fid-dawl ta' Alla, u l-mużika sabet postha f'din l-inizjattiva tal-fidi. Ta' min napprezzaw din l-għaqda intrinsika li teżisti bejn il-fidi tagħna u l-kapaċità li napprezzaw il-mużika; il-każin u l-banda huma frott ta' dan ukoll.

Wasalna biex intemmu dan l-artiklu propju fejn bdejnieh: fuq l-importanza tal-banda. Jekk il-mużika tista' tkellimna meta aħna nagħtuha ċans tiżra' fina dawk l-impressjonijiet li huma r-rikkezzi tagħha, il-baned u s-soċjetajiet mużikali huma dawk li jipprovdulna l-opportunitajiet, il-ħin, u l-ispazju meħtieġa biex dan iseħħ. Nerġa' ntenni, din ix-xorti diffiċli tesprimi kemm hi kbira: li wieħed ma jridx isiefer jew jonfoq ħafna flus biex ikollu ċans jisma' u japprezza l-mużika. Li għandna soċjetà li, bi mħabba u impenn, regolarment tfittex li ssaħħah u tikkontribwixxi għall-kultura mużikali ta' beltna, huwa teżor. Jalla jkollna ċans inħallu l-mużika tkellimna u tmissilna qalbna, biex b'hekk nissaħħu fina nfusna u noħorġu b'sens iktar ċar ta' ħajjitna, ir-relazzjoni tagħna ma' xulxin, u speċjalment ma' Alla li ħalaqna.

### Referenzi

[1] John Culshaw, *Ring Resounding*. New York: Time/Life Records, 1967; p. 10

[2] cf. Ethan Mordden, *A Guide to Opera Recordings*. New York: Oxford University Press, 1987; pp. 162-163.

[3] Deryck Cooke kien studjuż tal-mużika, speċjalment dik tal-kompożituri Romantiċi. Fil-ħajja qasira tiegħu, huwa ta numru ta' *talks* anki fuq ir-radju tal-BBC fejn kien jaħdem (l-iktar waħda li jibqa' mfakkar għaliha hija *An Introduction to Der Ring des Nibelungen*, fejn spjega d-diversi *leitmotifs* ta' Wagner u li ġiet distribwita flimkien mal-LPs tal-istess opra minn Decca Records fis-sittinijiet). Flimkien ma' dan, kiteb numru ta' kotba u artikli; fost l-iktar importanti hemm l-imsemmi *Language of Music; I Saw the World End,* fuq it-tifsira u s-simboliżmu fl-opri tar-*Ring Cycle* ta' Wagner; u *Gustav Mahler: An Introduction to His Music*, li kien ikkomissjonat mill-BBC fl-okkazjoni taċ-ċentinarju tat-twelid ta' Mahler. Permezz tal-interess tiegħu f'Gustav Mahler, u r-riċerka kbira li Cooke għamel fuqu u l-mużika tiegħu, irnexxielu jippubblika l-*performance version* tal-10 sinfonija li l-kompożitur ma kienx laħaq temm ix-xogħol tiegħu fuqha qabel ma miet.

[4] cf. Deryck Cooke, *The Language of Music*. London: Oxford University Press, 1959; p. x.

[5] cf. Deryck Cooke, "The Musical Symbolism of Wagner's Music-Dramas," in *Vindications: Essays on Romantic Music*. London: Faber and Faber, 1982; pp. 25-27

[6] cf. St. Augustine of Hippo, Sermo 34.1-3, 5-6; CCL 41, 424-426.

[7] Joseph Cardinal Ratzinger (Benedict XVI), *The Spirit of the Liturgy*. San Francisco: Ignatius Press, 2000; p.136.

[8] Ibid., 140.